TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 187

KAZ NRU 261

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Joseph Barbara
u
Messrs Domestic Brush Industry

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 22 ta' Ottubru, 1984

CHAIRMAN: MR WILLIAM ABELA

B'ittra ta' 29 ta' April, 1983, l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija tas-Sur Joseph Barbara minn mad-Ditta Domestic Brush Industry allegata li hi ngusta.

It-Tribunal zamm tlett seduti.

L-ewwel seduta f'din il-kwistjoni tax-xoghol nzammet nhar it-Tnejn, 17 ta' Settembru, 1984 fid-9.30 a.m., fl-Awla tal-Qorti tal-Kummerc.

L-appellant, Joe Barbara, u s-Sur Jack Mifsud li ser jassistih, kienu presenti fl-Awla. Wara li gew maghjta mill-marixxal tal-Qorti, l-ebda rappresentant ghan-nom ta' Messrs Domestic Brush Co Ltd ma deher fl-Awla.

Ghalhekk, ic-Chairman iddetta dan il-Verbal:

"Peress li s-Sur H Conti ghan-nom ta' Domestic Brush Co Ltd, wara li kien regolarment avzat, kif ukoll li hu gie nfurmat ghal darb'ohra b'ittra li ggib id-data ta' 13 ta' Settembru, 1984 li l-kaz ser jibda jinstemgha l-lum, jigifieri t-Tnejn, 17 ta' Settembru, 1984 u wara li gie msejjah ghal tlett darbiet mill-Marixxal tal-Qorti, dan baqa ma deherx - tordna li s-Sur Conti jigi nfurmat ghal l-ahhar darba li dan il-kaz gie ddefferit min-habba l-assenza tieghu ghal nhar it-Tnejn, 1 ta' Ottubru, 1984 fit-3.00 p.m. Nuqqas li s-Sur Conti ma jidhirx, f'dik il-gurnata il-kaz ikompli minghajru."

It-tieni seduta f'din il-kwistjoni tax-xoghol nzammet nhar it-Tnejn, 1 ta' Ottubru, 1984 fit-3.00 p.m.

Ghan-nom ta' Domestic Brush Industry baqa ma deher hadd. Ic-Chairman ordna lill Marixxal jaghjjat ghal tlett darbiet u baqa ma gie hadd ghan-nom tal-kumpanija.

Bhala risposta ghal 'Verbal' ta' dan it-Tribunal, is-Sur H Conti ghan-nom tal-Kumpanija, irrisponda biss b'ittra ddatata 25 ta' Settembru, 1984 fejn qal:-

"In reference to your case instituted against my company namely Domestic and Industrial Brush Co Ltd and writing without prejudice to your continuation of the said case by the Labour Division on behalf of Mr Joseph Barbara, I would ask you to consider the various declarations made by myself as per letters sent to the Labour Department on 15 April, 1983, on 25 April 1983 and on the 6 July, 1983 as per copies herewith enclosed.

In consideration of the said correspondence and after having read your discussion of the 17 September, 1984, I feel you can continue this charge in my absence according to your desires."

.../3

STATEMENT OF CASE

F'dan l-istadju in assenza ta' l-istatement of case ghan-nom tal-kumpanija s-Sur Jack Mifsud qara l-istatement of case ghan-nom ta' l-appellant Joseph Barbara li jghid li l-appellant kien ilu mpjegat mal-kumpanija ghal sentejn shah u li dan kien l-ewwel xoghol tieghu, spjega wkoll li n-nuqqas ta' produzzjoni ma kienetx minhabba xi negligenza ta' l-appellant, izda dina kienet bhala nuqqas ta' bejh u materja prima u minhabba xi hsarat jew tibdil fuq il-makni meta dan kien inhass necessarju. Intqal ukoll li meta dawn il-makni jew produzzjoni tieqaf xi ftit jew tbatti, l-appellant kien jaghmel it-trimming u xi souvenirs. L-appellant allega illi kien ingab xi impjegat mill-Precision Products bl-istess paga tieghu (i.e. ta' l-appellant) u d-ditta hasset li bl-istess paga qabilla timpjega lil dan ta' l-ahhar.

Fl-14 ta' Frar, 1983 ghalkemm l-appellant ma kienx jiflah, skond certifikat li kien ipproduca, dan mar ghax-xoghol xorta u filwaqt li kien qed jahdem, xi bicca 'njama, parti mix-xoghol li kien qed jaghmel waqet bejn "ir-rollers" u il-makna waqfet. Pero' it-technician biddel ir-rollers immedjatament.

L-appellant peress li ma kienx jiflah kellu jassenti ruhu minhabba f'mard ghal xi gimgha. Meta mar lura ghax-xoghol l-appellant allega li s-Sur H Conti ma emminx li dan ma kienx jiflah allavolja pproducielu c-certifikati tat-tabib u tas-Social Services. Xi gimghatejn wara, il-micro switch tal-makna ma setax jahdem u ghal daqstant bhal soltu l-appellant ta daqqa fuq is-switch biex dina l-makna tkompli tahdem. L-appellant allega ukoll li s-Sur H Conti ghamel ghalih bl-ahrax, beda jaghjru fuq meta kien marid u f'dal mument qallu biex igib il-work book biex ikeccieh. Meta mar il-Labour Office, gie nfurmat li dan ma setax jirregistra ghax-xoghol ghax is-Sur H Conti ma tahx kopja tad-'discharge certificate' alla-volja dan kien ilu jsaqsi ghalih u kien mil-Labour Office li mbaghad l-appellant sar jaf li kien imkecci minhabba "negligenza".

L-appellant ghamel nota ta' appell, wahda lin-National Employment Board u ohra lit-Tribunal Industrijali. Wara xi zmien l-appellant gie nfurmat min-National Employment Board li wara li dan sema l-kaz tieghu, dan seta jirregistra "fid-distrett tieghu tas-Social Office". L-appellant ikkontenda li kieku dan kien negligenti, is-Sur Conti ma kienx ihallsu ta' erba xhur notice, sitt ijiem leave u tlett ijiem paga ohra.

L-appellant Barbara ghal daqshekk ikkonsidra li t-tkeccija tieghu kienet ingusta u li dan ghandu jithallas ghas-seba xhur li dan ma kienx jahdem - jigifieri mil-15 ta' Marzu, 1983 sa 19 ta' Ottubru, 1983.

XHIEDA

F'dan il-kaz kien hemm xhud wiehed biss li gie mharrek mill-appellant - jigifieri s-Sur John Francalanza (Production Manager) li huwa wiehed mil-erba impjegati ta' din il-kumpanija - Domestic Brush Industry u li kien ilu jahdem hemm madwar 22 sena. Huwa, wara li gie mistoqsi kemm mis-Sur Mifsud ghal appellant, kif ukoll mic-Chairman, stqarr li skond l-opinjoni tieghu l-produzzjoni ta' l-appellant kienet sodisfacenti, fuq il-makni kien tajjeb u kien imexxi tajjeb meta l-makni kienu jahdmu tajjeb. Kien jaf ukoll l-appellant bhala ta' kondotta tajba ma shabu u kien imur tajjeb ma kullhadd. Qal ukoll li mhabba l-hsara li kienet saret 'fir-rollers' il-makna ma baqghetx wieqfa fit-tul, biss ghal xi nofs ta' nhar sakemm irrangha x-xhud huwa stess; u li kienet tieqaf minhabba il-micro switch kienet haga regolari li meta tindaf torga tkompli tahdem. Ix-xhud ma jiftakarx jekk l-appellant xi darba kellux xi warning bil-miktub u qal ukoll li hija procedura li kullhadd jaghmel ix-xoghol ta' haddiehor, ghax hemm certa flessibilita bejn il-haddiema. Dwar dak in-nhar ta' l-incident, qal li l-appellant sejjahlu u qallu bl-incident ta' dan ir-roller u hu rrispondieh "tikkonfondi xejn, issa naraw kif ser nirrangaw hux, imbaghad l-appellant qabad jaghmel oggett iehor."

Fost affarijiet ohra ix-xhud qal hekk "Ma nistax nghid li nahseb li ghamel apposta, jista jigrili dan l-incident lili. Ma nahsibx, ma nafx nistax nghid, ma nistax nghid li ghamel apposta." U kompla jghid "ix-xoghol waqaf nofs ta' nhar sakemm irrangajta ghaliex kelli roller - insomma ejja ha mmorru, gibna iehor u poggejnieh, jigifieri nofs ta' nhar forsi mitluf kollox".

Fl-ahharnett is-Sur Francalanza xehed li l-unika incident li kellu fuq il-makni l-appellant kienet dan l-incident partikolari - jigifieri l-unika darba u spicca biex jghid li ma kienetx procedura li l-appellant jaghmel maintenance jew setting fuq il-makni ghax dawn kien jaghmilhom huwa stess.

SOTTOMISSJONIJIET FINALI

F'dan il-kaz minhabba f'ragunijiet li ntqalu qabel fejn icconcernaw l-assenza kontinwa tas-Sur H Conti ghan-nom tal-kumpanija, is-sottomissjonijiet finali gew maghmulin mill-appellant biss u skond mis-sottomissjonijiet maghmula minn Jack Mifsud ghan-nom ta' l-appellant qal fost affarijiet ohra li s-Sur Conti kien wera l-intenzjoni tieghu li ma jattendix qrati jew laqghat mis-6 ta' Lulju, 1983 meta kien kiteb lid-Department tax-Xoghol u Servizzi Socjali li ma kellu l-ebda intenzjoni li jidher quddiem l-N.M.B. Gie sottomess ukoll li fit-tieni sena ta' l-impieg ta' l-appellant kienet naqset il-produzzjoni minhabba xi "re-adjustments" li kellhom isiru mil-mechanics diversi drabi. Dan kompla jghid l-appellant juri li l-makni ma kienux f'kondizzjoni tajba u li l-maintenance ma kienitx mistennija li ssir mill-appellant ghax dan ix-xoghol kien isir biss mis-Sur Conti u s-Sur Francalanza. L-appellant isostni li ma kienx hemm negligenza minn naha tieghu, nfatti dan qatt ma gie ammonut bl-ebda mod ghal ebda raguni. Ghal kuntlarju li ntqal mis-Sur H Conti li l-makna kienet ghada 'out of order' dan gie kuntlarjat mis-Sur Francalanza stess fejn kien xehed li din il-makna damet wieqfa xi nofs ta' nhar biss.

Fl-ahharnett l-appellant jidhirlu li kieku kien hati ta' xi negligenza dan ma kienx jinghata s-somma ta' LM149.64,0. Ghaldaqstant, l-appellant jidhirlu li gie mkecci ngustament u ged jitlob il-paga ta' seba xhur, jigifieri l-perijodu li dan kien bla xoghol wara li tkecca.

## KUNSIDERAZZJONIJIET U OSSERVAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

Fost osservazzjonijiet li t-Tribunal ghamel f'dan il-kaz, l-ewwel punt li jidhirlu ghamel huwa l-fatt li ma setax jifhem ir-raguni li s-Sur H Conti ma riedx jiehu parti fuq din il-kwistjoni, la quddiem in-N.F.B. u l-anqas fit-Tribunal Industrijali. Dan ghandu r-ragunijiet tieghu u t-Tribunal ma deherlux li ghandu jinsisti fuq il-presenza tieghu. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal kellu joqghod fuq li statement of case u l-final submissions ta' l-appellant u fuq ix-xhieda bil-gurament li ta l-unika xhud prodott mill-appellant jigifieri tas-Sur J Francalanza fejn ma nghad xejn li jista juri bl-ebda mod li l-appellant kellu xi htija; anzi ghal kuntrarju fix-xhieda tieghu s-Sur Francalanza stqarr li dan l-incident tar-roller seta gara lilu fuq l-istess makna u l-fatt li dina l-makna baqghet wieqfa biss ghal xi nofs ta' nhar ma jidhirx li kienet ta' gravita' kbira. U kompla jghid li meta nqala l-ahhar incident bejn is-Sur Conti u l-appellant, jigifieri meta dana qabdu jaghti daqqa fuq il-micro switch - din l-azzjoni skond is-Sur Francalanza hija normali kif gie korrobarat mill-appellant stess fl-istatement of case u final submissions tieghu.

## AWARD

Ghaldaqstant wara li t-Tribunal Industrijali studja u ezamina c-cirkostanzi kollha dwar dan il-kaz jiddiciedi li t-tkeccija ta' l-appellant Joseph Barbara kienet ingusta. Dan ghandu jinghata l-paga kollha li kien tilef waqt li hu ma kienx jahdem; jigifieri minn mindu tkecca sa 19 ta' Ottubru, 1983, wara li titnaqqas minnha s-somma ta' LM149,64,0 li dana kien gie imhallas mat-tkeccija. U b'hekk it-Tribunal ghalaq din il-kwistjoni tax-xoghol.

Edw D'Agostino
Segretarju

WILLIAM ABELA
Chairman

Data: 22 ta' Ottubru, 1984

ja